**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 2 – IL-ERBGĦA 17 TA' APRIL 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 1 u 1.1 li saret nhar il-Ġimgħa 5 ta' April 2013. Fuq proposta tas-Dr Ian Castaldi Paris sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Kunsill ser jiltaqa' nhar it-Tlieta 23 ta' April 2013 biex jiġu approvati l-audited accounts.

**2.2** Il-Perit ipreżenta l-*costings* ta' Triq Id-Dejqa. Il-Kunsillier Lorraine Farrugia ltaqgħat mal-Perit. Ġie diskus ukoll li €10,000.00 għandhom imorru għal ġnien tal-Mirakli.

**2.3** Il-Paperwork kollu biex issir l-applikazzjoni ta'Senna saru u gew preżentati Transport Malta.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

**3.1** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li mhux se tkun Malta fil-granet li ġejjin – bejn 19 – 24 ta' April u bejn 27 ta' April – 2 ta' Mejju 2013

**3.2** Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat li *no stopping sign* li hemm f' Naxxar Road għandha bzonn refreshing għalhekk il-kunsill għandu jagħmel talba.

**3.3** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar problema li hemm ġewwa Preca Street. IL-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw 3 bollards.

**3.4** Il-Kunsilliera kollha qablu li l-bankina ta bejn Triq it-Trasfigurazzjoni u Sir Ugo Mifsud għandha bżonn titranga.

**3.5** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar il-problema ta' nemel li hemm ġewwa l-ġnien. Il-Viċi Sindku tagħt parir li għandu jintuża polenta biex in-nemel jispiċċa.

**3.6** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia saqsiet jekk jistax isir upkeep taċ-ċimiterju ta' l-Abbati. Il ġnub tal-passaggi, il-passaggi nnifishom tal-ħamrija għandhom

jitħawlu xi fjuri. (lantana) Din kienet parti mill-heritage trail għallura hemm bżonn li dawn jinżammu tajjeb.

3.7 Il-Minority Leader Dr Marc Sant propona li jsir arblu u bandiera fl-entratura ta' Ħa-Lija. L-Arblu għandu jkun dak ta' 45 pied u l-bandiera trid tkun pure wool.

3.8 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi saqsiet jekk il-kunsill għandux jirranga l-mitħna. Issuġġeriet li hemm bzonn maintenance immedjat, għandha ssir applikazzjoni għal metre tad-dawl u l-ilma w ssir proposta għal-wc.

3.9 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat dwar il-proposta ta TCTC għal courses tal-computer. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas €1,150.00.

3.10 Il-Minority Leader Dr Marc Sant ippropona li titpoġġa Billboard fi Triq in-Naxxar. Din tista tgħin lil għaqdiet finanzjarjament. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab stima.

3.11 Il-Minority Leader Dr Marc Sant ppropona li titneħħa r-rampa li hemm fil-ġemb tal-ġnien. Il-ħaddiema tal-kunsill ser jagħmlu dan ix-xogħol għaliex staqsa jekk tistax issir.

3.12 Il-Minority Leader Dr Marc Sant informa li ser issir laqgħa ma Lands Department dwar il-premises il-ġodda tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ser jinżamm aġġornat bl-iżviluppi.

3.13 Il-Minority Leader Dr Marc Sant propona li ssir kompetizzjoni ta' l-isbaħ triq . il-Kunsill qabel dwar dan.

3.14 Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma li ser issir laqgħa ma' tal-Go minħabba ħsara li saret f'pipe li kien qed jissuplixxi l-ilma għat-tisqija tal-ġnien.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Problemi ta' traffiku fi Triq il-Forn kantuniera ma' sqaq nru 3, minħabba parkeġġ li qiegħed eżatt fil-kantuniera ta' l-isqaq.

4.2 Ifriskar ta' linji sofor u qtugħ ta' ħaxix ħdejn id-dar ta' Sinjura Maria Agius Nru. 97, Triq il-Forn.

4.3 'Request' mingħand is-Sinjura Carmen Zammit biex tinżebagħ kaxxa safra quddiem il-bank li jinsab fi sqaq il-Kunċizzjoni, minħabba li l-karozzi jipparkjaw eżatt ma' ġenb ta' dan il-bank u mhux qiegħdin iħallu spazju għan-nies biex jużaw l-bank.

4.4 'Request' mingħand is-Sur William Massa biex jinżebgħu żewġ linji sofor faċċata ta' dar tiegħu nru.52 Triq Preziosi, Ħal Lija. Minħabba li jgħaddu ħafna vanijiet tal-merkanzija minn quddiemu u billi triq hija dejqa u jkun hemm il-karozzi pparkjati faċċata dawn il-vanijiet qiegħdin jafsu fuq in-naħa ta' dar ta' Sur Massa b'konsegwenza li qiegħed issir ħsara lil propjeta' tiegħu.

4.5 'Zebra Crossing' li hemm fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għandha bżonn id-dawl għaliex mhux kulħadd jinduna biha u għalhekk qiegħeda ta' periklu minflokk ta' għajnuna. (Anna Camilleri – Triq Tabor)

4.6 'Request' għal 'traffic calmer' fi Triq Giuseppe Cali, Ħal Lija minħabba li l-karozzi qiegħdin jgħaddu bi speed qawwi u b'hekk qiegħed ikun ta' periklu għat-tfal li jattendu għat-training fil-football ground.

4.7 'Stop Signs'

4.8 'Request' għal linji sofor quddiem il-garaxxijiet fi Triq Preziosi għaliex il-karozzi kontinwament jipparkjaw hemmhekk b'konsegwenza li qiegħdin ikunu ta' inkonvenjent biex tidħol u toħroġ mill-garage. (Ms. Claire Massa)

4.9 'Request' għal linji sofor mingħand is-Sinjorina Gilbert. 'Reminder' mingħand is-Sur Pio Farrugia ta' Dipartiment.

Il-Kunsill qabel li kull request li ssir min residenti jew għaqdiet li fiha irridu l- go ahead min transport Malta għandhom jingabru u kull nhar ta' Ġimgħa tinbgħat email waħda lill-TM.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

5.1 Ġie approvat l-performance bonus ta' Georgette Borg – meta kienet deputy executive secretary

5.2 Is-Segretarja nfurmat li ser tistaqsi għall- offerti għal leasing ta' Photocopier/Scanner.

5.3 Il-Kumpanija Greenpak li qed tiġbor l-iskart għar-riċiklar preżentat art work biex tibda kampanja edukattiva mill-1 ġimgħa ta' Ġunju 2013.

5.4 Sar qbil li jingiebu kwotazzjonijiet – Uniformijiet għal Ħaddiema u Ħaddiema Klerikali

## 6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' April 2013.

**TMIEM**

Fil-20.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |